



24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0116/2010, imressqa minn Alexandros Chantzaras, ta' nazzjonalità Griega flimkien ma' firma oħra dwar il-konklużjoni tal-gvern Grieg ta' programmi ta' taħriġ fil-Greċja

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jirreferi għad-deċiżjoni tal-Gvern Grieg li jitneħħew il-programmi ta' taħriġ li l-OAED (Organizzazzjoni Griega tal-Impjeg tal-Forza tax-Xogħol) kienet tagħti għal dawn l-aħħar ħmistax-il sena. L-għan ta' dawn il-programmi ta' taħriġ huwa li ż-żgħażaġh jingħataw l-opportunità li jiġu inkorporati fis-suq tax-xogħol u jiksbu l-esperjenza ta' xogħol neċċessarja għall-karrieri tagħhom fil-futur. Il-petizzjonant isemmi li eluf ta' żgħażaġh li wettqu s-servizzi tagħhom bl-istess mod bħal ħaddiema oħra, qed iħabbtu wiċċhom mal-qgħad minflok jiksbu xogħol permanenti, u li, b'riżultat tal-istat tagħhom ta' trainee, ma jibbenefikawx għalkollox mid-drittijiet tas-sigurtà soċjali. Għalhekk il-petizzjonant jitlob lill-Parlament Ewropew biex jittratta l-każ.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-3 ta' Mejju 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP titlob lill-Istati Membri jistabbilixxu qafas sabiex jipprevienu l-abbuż li jirriżulta mill-użu ta' relazzjonijiet tax-xogħol jew ta' kuntratti għal tul determinat suċċessivi.

Il-Greċja applikat l-għażla stabbilita fil-Klawsola 2(2) tal-anness ta' din id-Direttiva u

eskludiet mil-leġiżlazzjoni tagħha li tittrasponi kuntratti u relazzjonijiet tax-xogħol konklużi bħala parti minn programm speċjali ta' taħriġ, integrazzjoni u taħriġ vokazzjonali mill-ġdid appoġġjati mill-Organizzazzjoni Griega tal-Impjieġ tal-Forza tax-Xogħol (OAED).

Wara l-mistoqsija parlamentari E-5452/2009, il-Kummissjoni kitbet lill-awtoritajiet nazzjonali fil-Greċja għal informazzjoni u kjarifika dwar l-operazzjoni ta' tali skemi ta' taħriġ u esperjenzi ta' xogħol ("stages"). Sa issa l-Kummissjoni għadha ma rċevietx l-informazzjoni mitluba.

Il-Kummissjoni tixtieq tinnota li, fi skambju ieħor ta' ittri mal-Ministeru tax-Xogħol Grieg dwar il-kwistjoni ta' skemi ta' apprentistat fis-settur pubbliku Grieg, il-Kummissjoni kienet tenniet il-pożizzjoni tagħha li *l-ksib ta' esperjenza tax-xogħol jista' f'ċerti każi jgħin fit-tranżizzjoni mill-ħajja edukattiva għal dik tax-xogħol*, iżda fl-istess waqt, esprimiet l-opinjoni li *l-ippjanar bir-reqqa, il-kriterji stretti ta' għażla u l-monitoraġġ mill-qrib tal-programmi huma neċessarji* biex jiġi żgurat li l-programmi joffru appoġġ lill-istejtus tax-xogħol tal-parteċipanti u jgħinu lil dawk fil-bżonn.

Ġie nnutat ukoll li l-attivitajiet għal stage tal-persuni ġodda li jidħlu fis-suq tax-xogħol jew tal-persuni li jergħu jidħlu fis-suq tax-xogħol, kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, fil-passat ġew kofinanzjati mill-Fond Soċjali Ewropew (minn issa 'l quddiem 'FSE'). Fil-perjodu ta' programmar 2007-2013, il-programmi ta' 'stage' fis-settur pubbliku ġew esklużi mill-kofinanzjament mill-FSE u ġew previsti biss il-programmi tal-esperjenza tax-xogħol *fis-settur privat*.

Matul l-2009, il-programmi ta' 'stage' fis-settur pubbliku ġew iffinanzjati esklussivament mill-baġit Grieg. Fl-2010, l-awtoritajiet Griegi ħabbru t-tmiem tal-programmi ta' 'stage' kollha fis-settur pubbliku u fis-settur pubbliku usa', fil-qafas tal-miżuri adottati fil-'Programm ta' Stabilità u Tkabbir' aġġornat tar-Repubblika Ellenika.

Il-Fond Soċjali Ewropew fil-Greċja għandu l-oġġettiv li jippromwovi l-impjieġ u l-kapaċità tal-gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni li jimpjegaw ruħhom. L-allokazzjoni tal-komunità lill-Greċja, li se tintuża għal dan il-għan tammonta għal EUR 4.4 biljun fil-perjodu ta' programmar 2007-2013 (maqsum bejn erba' programmi operazzjonali inkluż il-programm operazzjonali 'Żvilupp tar-Riżorsi Umani' li jimmira speċifikament għall-promozzjoni tal-impjieġ taż-żgħażaġh u jibbenefika minn allokazzjoni tal-FSE ta' EUR 2.26 biljun).

Konklużjoni

Id-deċiżjoni dwar liema programmi ta' impjieġ se jibqgħu jappoġġjaw l-awtoritajiet Griegi hija primarjament kwistjoni nazzjonali. Madankollu, l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari bl-għajnuna tal-Fond Soċjali Ewropew, lesta li tappoġġja l-impjieġ taż-żgħażaġh fil-Greċja permezz ta' għadd ta' miżuri oħra, inklużi fil-programmi operazzjonali għall-perjodu 2007-2013.